

**DEĊIJONI (UE) 2023/1913 TAL-PARLAMENT EWROPEW****tal-10 ta' Mejū 2023**

**dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)  
għas-sena finanzjarja 2021**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2021,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Audituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2021, flimkien mar-risposti tal-aġenziji (¹),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (²) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Audituri għas-sena finanzjarja 2021 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2023 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Awtorità fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2021 (06248/2023 — C9-0097/2023),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (³), u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁵), u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0137/2023),

(¹) ĠU C 412, 27.10.2022, p. 12.

(²) ĠU C 399, 17.10.2022, p. 240.

(³) ĠUL 193, 30.7.2018, p. 1.

(⁴) ĠUL 331, 15.12.2010, p. 84.

(⁵) ĠUL 122, 10.5.2019, p. 1.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2021;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President*  
Roberta METSOLA

*Is-Segretarju Ĝenerali*  
Alessandro CHIOCCHETTI

---